MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Appell Civili Numru. 14/2007

**Salina Wharf Marketing Limited**

**vs**

**Malta Tourism Authority**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Marzu, 2007, il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Bord wara li sema' lill-appellanti Jason Mcilhone lil Michael Cassar Torregiani, lil Anthony Schembri u lil Alec Bannerman wasal ghall-konkluzjoni illi x-xhieda ta' Alec Bannerman, xhud tal-Malta Tourism Authority, bhala kredibbli u ta' min joqghod fuqha. Ix-xhud Bannerman fix-xhieda tieghu kkonferma l-fatti kif imsemmija fl-ittra tas-Sur Charles Grech tal-Malta Tourism Authority datata 17 ta' Ottubru 2006 u indirizzata lis-Sur

> Michael Cassar Torregiani u lis-Sur Jason Mcilhone.
>
> Ghaldaqstant l-appell qieghed jigi respint."

Jirrizulta mill-atti istruttorji ta' dan l-appell ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti illi sija l-kontenut tieghu kif ukoll it-twegiba ghalih mill-Malta Tourism Authority huma prattikament *computer print out* ta' dak l-appell l-iehor (Nru. 13/07) u tar-risposta ghalih ko-involgenti l-istess partijiet;

La dan hu hekk il-kaz, din il-Qorti ma tarax il-htiega li toqghod tirrepeti hawn il-konsiderazzjonijiet zvolti f' dak l-appell l-iehor u jibbasta li ssir riferenza ghalihom u taghmilhom applikabbli wkoll ghall-appell prezenti.

Ghall-istess motivi dedotti fl-Appell Numru 13/07 bejn l-istess partijiet, l-appell odjern qed jitqies ukoll li gie pprezentat tardivament u konsegwentement meqjus irritu u null. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu u tordna li l-istess appell jigi kancellat minn fuq il-listi, bl-ispejjez jitbatew mis-socjeta` rikorrenti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------